MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2005

Appell Civili Numru. 281/2004/1

**Wara r-rikors tal-Kazin tal-Banda ta' San Leonardo ta' Hal Kirkop ipprezentat fil-15 ta' Novembru, 2004.**

Il-Qorti:

Regghet rat ir-rikors tal-Kazin tal-Banda San Leonardo ta' Hal-Kirkop (hawn aktar 'l quddiem "il-Kazin") tal-15 ta' Novembru 2004;

Rat id-digrieti interlokutorji kollha moghtija;

Rat ir-risposti tal-Onorevoli Prim Ministru u tas-Segretarju tad-Djar (illum Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali) tas-16 ta' Jannar 2005, kif ukoll ir-risposta ta' Dottor Carmelo Vella, Philip Vella, Michael Vella u Jessie Vella (hawn aktar 'l quddiem "l-ahwa Vella") tat-3 ta' Jannar 2005;

Rat li l-Avukat Generali gie notifikat b'dan ir-rikors fis-16 ta' Novembru 2004 izda ma ppresenta ebda risposta;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Marzu 2005 u fl-udjenza tal-lum;

Rat l-atti l-ohra kollha relevanti;

Ikkunsidrat:

Dan hu rikors maghmul mill-imsemmi Kazin tal-Banda li, skond l-istess rikorrent, qed isir a tenur ta' l-Artikolu 6 tal-Kap. 319. Jidher li din hija l-ewwel darba li dana l-Artikolu gie invokat minn xi parti li kellha applikazzjoni taghha deciza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fi Strasbourg.

L-imsemmi Artikolu 6 jipprovdi hekk:

**"1. Kull decizjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li ghaliha tkun tapplika dikjarazzjoni maghmula mill-Gvern ta' Malta skond l-Artikolu 46 tal-Konvenzjoni, tista' tigi esegwita mill-Qorti Kostituzzjonali f'Malta, bl-istess mod bhal decizjonijiet moghtija minn dik il-Qorti u jigu esegwiti minnha [1], b'rikors li jsir fil-Qorti Kostituzzjonali u notifikat lill-Avukat Generali, li jkun fih talba li tigi ordnata l-esegwibbilita` ta' dik id-decizjoni.**

**2. Qabel ma l-Qorti Kostituzzjonali tiddeciedi talba bhal dik, hija ghandha tezamina jekk id-decizjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li jkun qed jintalab li tigi esegwita, hijiex wahda li ghaliha tkun**

[1] It-test bl-Ingliz f'dan ir-rigward ta' din il-frazi jghid hekk: *"...may be enforced by the Constitutional Court in Malta, in the same manner as judgments delivered by that court and enforceable by it..."*

**tapplika dikjarazzjoni bhal dik imsemmija fis-subartikolu (1) ta'dan l-artikolu.**
**3. Il-Qorti Kostituzzjonali ghandha tordna l-esekuzzjoni ta' decizjoni kif imsemmija f'dan l-artikolu jekk issib li din id-decizjoni tkun wahda li ghaliha tkun tapplika dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu."**

Fir-rikors promotur, il-Kazin in kwistjoni qed jitlob tlett affarijiet:

1. li din il-Qorti tordna l-esegwibbilta` tad-decizjoni datata 29 ta' Lulju 2004 tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;
2. li din il-Qorti tiddikjara illi ai fini u effetti kollha tal-ligi s-sentenza li issa hija biss valida hija dik tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) ta' nhar it-22 ta' April 1997; u
3. li din il-Qorti tordna li l-atti processwali tar-ritrattazzjoni (Rikors nru. 802/87) ghandhom jigu rimessi lill-Qorti ta' l-Appell halli l-kaz jinstema' mill-gdid minn tliet Imhallfin li ma kienux dawk li taw is-sentenza ta' nhar it-30 ta' Dicembru 1993.

Ikun tajjeb li wiehed jirrikapitola fil-qosor il-fatti li taw lok ghad-decizjoni tal-Qorti ta' Strasbourg. Kollox beda meta l-ahwa Vella fethu kawza kontra s-Segretarju tad-Djar u kontra d-dirigenti tal-Kazin biex, *inter alia*, ordni ta' rekwisizzjoni fuq il-fond 18 St. John's Alley, Hal-Kirkop jigi dikjarat null u bla effett u biex l-imsemmi fond jigi rilaxxjat lilhom. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili, b'sentenza taghha tad-9 ta' Ottubru 1991 fl-kawza fl-ismijiet ***Dottor Carmelo Vella et v. Is-Segretarju tad-Djar et*** cahdet l-eccezzjoni preliminari tas-Segretarju tad-Djar, kif ukoll cahdet l-ewwel zewg talbiet tal-atturi (ghad-dikjarazzjoni tan-nullita` tar-rekwisizzjoni u ghar-ripresa tal-fond), u ddifferiet il-kawza *sine die*. L-ahwa Vella appellaw. Il-Qorti ta' l-Appell [2], b'sentenza moghtija fit-30 ta' Dicembru 1993 tat ragun lill-atturi appellanti u, per konsegwenza, laqghet l-ewwel zewg talbiet taghhom u pprefiggiet terminu ta'sitt xhur

[2] Sedenti s-S.T.O. Prim Imhallef Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici u l-Imhallfin Carmel Agius u Noel Arrigo.

sabiex is-Segretarju tad-Djar u l-Kazin jirrilaxxjaw il-fond in kwistjoni lill-atturi, u baghtet l-atti lura lill-Prim Awla biex din tkompli tisma' l-kawza fir-rigward tat-tielet talba tal-atturi, cioe` dwar allegata hsara fil-fond u fil-gnien. Il-Kazin ippresenta petizzjoni ghal ritrattazzjoni. Din ir-ritrattazzjoni giet quddiem il-Qorti ta' l-Appell [3] komposta b'tali mod li tnejn mill-Imhallfin kienu l-istess zewg Imhallfin li taw is-sentenza tat-30 ta' Dicembru 1993. Talba ghar-rikuza taghhom giet michuda. It-talba ghar-ritrattazzjoni giet michuda mill-Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' Jannar, 1996. Nel frattemp, pero`, il-Kazin kien fetah kawza kostituzzjonali fil-Prim Awla tal-Qorti Civili li, b'sentenza tat-22 ta' April 1997 iddecidiet li c-cahda tar-rikuza ta' l-Imhallfin (jew xi whud minnhom) komponenti l-Qorti ta' l-Appell li tat is-sentenza tas-17 ta' Jannar 1996 kien jilledi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u ghalhekk dik il-Qorti ordnat li l-kawza ta' ritrattazzjoni tigi rimessa lill-Qorti ta' l-Appell sabiex tigi trattata u deciza minn tliet Imhallfin li ma jkunux dawk li ddecidew il-kawza tat-30 ta' Dicembru 1993. L-ahwa Vella appellaw din is-sentenza, u l-Qorti Kostituzzjonali, b'sentenza taghha tal-31 ta' Lulju 2000, laqghet dan l-appell u rrevokat is-sentenza tal-Prim Awla tat-22 ta' April 1997.

Il-Kazin ha l-kwistjoni quddiem il-Qorti ta' Strasbourg, u din, b'decizjoni moghtija fl-24 ta' Lulju 2004 iddecidiet hekk:

**"In this connection, the Court observes that in the ambit of the retrial proceedings, the Court of Appeal was essentially called upon to ascertain whether its previous judgment of the 30 December 1993 was based on a misinterpretation of the law. Thus, the same judges were called upon to decide whether or not they themselves had committed an error of legal interpretation or application in their previous decision, being in fact requested to judge themselves and their ability to apply the law…These circumstances are sufficient to hold the applicant's fears as to the lack of impartiality of the Court of**

[3] Sedenti l-Imhallfin Carmel Agius, Noel Arrigo u Giannino Caruana Demajo.

**Appeal to be objectively justified. There has accordingly been a breach of Article 6(1) of the Convention. Article 41 of the Convention provides: *If the Court finds that there has been a violation of the Convention or the Protocols thereto, and if the internal law of the High Contracting Party concerned allows only partial reparation to be made, the Court shall, if necessary, afford just satisfaction to the injured party."* The applicant's lawyers did not present any claim for damages or for reimbursement of costs and expenses, although invited to do so. Accordingly, the Court decides not to award any sum in these respects. Where the Court finds that an applicant's case has been decided by a tribunal which is not independent and impartial within the meaning of article 6(1), it considers that, in principle, the most appropriate form of relief would be to ensure that the applicant is granted in due course a retrial by an independent and impartial tribunal (see *mutatis mutandis* and in regard to a criminal case, *Gencel v. Turkey*, no. 53431/99, para. 27, 23 October 2003). For these reasons, the Court unanimously 1. *Holds* that Article 6(1) of the Convention is applicable to the proceedings complained of; 2. *Holds* that there has been a violation of Article 6(1) of the Convention…"**

Ikkunsidrat ulterjorment:

1. Jibda biex jinghad li din il-Qorti taqbel li dan huwa kaz li jaqa' fl-parametri ta' l-Artikolu 6 tal-Kap. 319. Ghalkemm l-ahhar dikjarazzjoni maghmula minn Malta skond dak li allura kien l-Artikolu 46 tal-Konvenzjoni u li saret fl-ewwel ta' April 1997 kienet ghal hames snin biss, b'mod, ghalhekk, li apparentement din id-dikjarazzjoni skadiet fl-1 ta' April 2002, il-verita` hi li llum dak li kien l-Artkolu 46 tal-Konvenzjoni m'ghadux jezisti. Infatti, bl-emendi introdotti fil-Konvenzjoni bil-Protokoll numru 11 – Protokoll li gie ffirmat minn Malta fil-11 ta' Mejju 1994 u ratifikat minna fil-11 ta' Mejju 1995, u li gie fis-sehh fil-konfront ta' Malta fl-1 ta' Novembru 1998 – l-Artikolu 46, li kien jirrikjedi dikjarazzjoni da parti ta' Stat fir-rigward tal-gurisdizzjoni tal-Qorti "in all matters concerning the interpretaton and

application of the present Convention", gie effettivament sostitwit bl-Artikolu 32 b'mod li l-partijiet firmatarji tal-Konvenzjoni gew li awtomatikament accettaw il-gurisdizzjoni tal-Qorti ta' Strasbourg fir-rigward ta' l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni u l-Prokolli annessi maghha fil-kaz sia ta' "inter-State cases", kif ukoll ta' "individual applications" u "advisory opinions". Fi kliem iehor, dak li qabel kien jirrikjedi dikjarazzjoni da parti ta' Stat taht l-Artikolu 46, illum japplika ghal dak l-iStat minghajr il-htiega ta' dikjarazzjoni simili. L-intenzjoni tal-legislatur kienet, evidentement, li d-decizjonijiet tal-Qorti ta' Strasbourg ikunu jistghu jigu b'xi mod esegwiti f'Malta [4], u l-fatt li l-legislatur Malti donnu injora l-izviluppi ricenti fl-imsemmija Konvenzjoni u ma emendax l-Artikolu 6 tal-Kap. 319 ma jwassalx lil din il-Qorti li tifhem li l-legislatur qed jghid li ma jridx aktar l-ezegwibbilta` f'Malta tad-decizjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem meta l-istat intimat ikun l-iStat Malti. Ghall-precizjoni u l-korrettezza ghandu jinghad li la l-Onorevoli Prim Ministru u d-Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali fis-risposta taghhom tas-16 ta' Jannar 2005, u anqas l-ahwa Vella fir-risposta taghhom tat-3 ta' Jannar 2005, ma qajjmu xi kwistjoni dwar l-ezegwibbilta` o meno tad-decizjoni – anzi pjuttost kulhadd qieghed jaqbel li jekk ghandha ssir ritrattazzjoni, din ghandha ssir kemm jista' jkun malajr.

2. Kif ghandha tigi ezegwita decizjoni simili? Kif din il-Qorti qalet fis-sentenza taghha tat-28 ta' Jannar 2005 fl-ismijiet ***Vincent Cilia v. L-Onorevoli Prim Ministru et***, il-Qorti ta' Strasbourg mhix parti mill-organizzazzjoni gudizzjarja ta' Malta. Din il-Qorti – l-Qrati Maltin kollha – ma humiex marbuta li jsegwu bil-ghama il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'materja li tirrigwarda l-konvenzjoni u b'mod partikolari l-interpretazzjoni tal-artikoli sostantivi tal-Konvenzjoni inkorporati fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 319; id-decizjonijiet ta'

[4] Ara, a propositu, l-artikolu tal-Prim Imhallef Emeritus il-Professur J. J. Cremona "The European Convention on Human Rights as part of Maltese Law" fil-ktieb ta' l-istess insinji awtur ***Selected Papers 1946-1989*** PEG (Malta) 1990, pp. 228 sa 236. F'dina l-kitba, l-artikoli imsemmija tal-Konvenzjoni huma, naturalment, dawk kif kienu qabel ma dahal fis-sehh il-Protokoll numru 11.

dik il-Qorti ghandhom biss valur perswaziv [5]. Fil-kaz in dizamina, pero`, il-kwistjoni ma hix ta' "interpretazzjoni u applikazzjoni" ta' xi wiehed minn dawn l-artikoli sostantivi tal-Konvenzjoni, izda ta' l-ezegwibbilta` f'Malta ta' decizjoni ta' organu gudizzjarju "barrani". Din evidentement mhix xi haga gdid – hekk insibu l-Artikoli 826 sa 828 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili dwar l-esekuzzjoni f'Malta ta' sentenzi moghtija minn Qrati kompetenti ta' pajjiz barra minn Malta; il-Kapitolu 52 dwar l-Esekuzzjoni Reciproka ta' Sentenzi ta' Tribunali Inglizi; l-Artikoli 23 sa 28 tal-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255) dwar ir-rikonoxximent u l-esekuzzjoni f'Malta, bl-intervent tal-Qorti ta' l-Appell, ta' decizjonijiet tat-Tribunali Ekklesjastici tal-Knisja Kattolika u ta' digrieti tal-Pontefici Ruman "super matrimonio rato et non consummato".

3. L-Artkolu 6 tal-Kap. 319 jipprovdi li decizjoni bhal dik moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-konfront tal-Kazin *"…tista' tigi esegwita mill-Qorti Kostituzzjonali f'Malta, bl-istess mod bhal decizjonijiet moghtija minn dik il-Qorti u [li] jigu esegwiti minnha…"* – fit-test Ingliz *"…may be enforced by the Constitutional Court in Malta, in the same manner as judgments delivered by that court and enforceable by it…"*. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, il-lokuzzjoni adoparata mill-legislatur, u b'mod partikolari l-uzu tal-kelma "tista'" (u mhux "ghandha"), tfisser li din il-Qorti, filwaqt li ghandha tassigura li, sa fejn hu possibbli, ir-rikorrent ikollu rimedju effettiv skond id-decizjoni tal-Qorti ta' Strasbourg, mill-banda l-ohra ma ghandu jsir xejn li b'xi mod, direttament jew indirettament, imur kontra l-ordinament guridiku Malti. Din il-Qorti, bhala l-oghla Qorti tal-organu Gudizzjarju ta' l-iStat Malti – iz-zewg organi l-ohra huma l-organu Ezekuttiv u l-organu Legislattiv – ma tistax tinjora, fl-interpretazzjoni taghha ta' l-imsemmi Artikolu 6, l-obbligazzjonijiet assunti mill-iStat Malti taht il-Konvenzjoni. F'dan il-kuntest huwa sinjifikanti il-bran segwenti mid-decizjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem

[5] Fl-imsemija decizjoni ***Vincent Cilia v. L-Onorevoli Prim Ministru et*** din il-Qorti fil-fatt ma segwitx l-opinjoni tal-maggoranza tal-"Grand Chamber" fil-kaz ***Ferrazzini v. Italy*** (12 ta' Lulju 2001), izda segwiet opinjoni dissenzjenti.

(decizjoni tal-"Grand Chamber") fil-kaz ***Scozzari and Giunta v. Italy*** (13 ta' Lulju 2000):

**"The Court points out that by Article 46 of the Convention the High Contracting Parties undertook to abide by the final judgments of the Court in any case to which they were parties, execution being supervised by the Committee of Ministers. It follows, *inter alia*, that a judgment in which the Court finds a breach imposes on the respondent State a legal obligation not just to pay those concerned the sums awarded by way of just satisfaction, but also to choose, subject to the supervision of the Committee of Ministers, the general and/or, if appropriate, <u>individual measures</u> to be adopted in their domestic legal order to put an end to the violation found by the Court and to redress so far as possible the effects…Furthermore, subject to monitoring by the Committee of Ministers, the respondent State remains free to choose the means by which it will discharge its legal obligation under Article 46 of the Convention, provided that such means are compatible with the conclusions set out in the Court's judgment."** (sottolinear ta' din il-Qorti, jigifieri tal-Qorti Kostituzzjonali).

4. Mill-banda l-ohra, kif diga nghad, din il-Qorti ma tista', u ma ghandha, taghmel xejn li, direttament jew indirettament, imur kontra l-ordinament guridiku Malti. Ma tistax, per ezempju, din il-Qorti taghti esekuzzjoni ghal decizjoni tal-Qorti ta' Strasbourg b'mod li tmur kontra xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni – ligi superjuri ghall-Kap. 319 – jew b'mod li tmur kontra l-ordni pubbliku, jew b'mod li tkun qed tuzurpa l-funzjoni ta' organu iehor ta' l-iStat. Tista' koncepibbilment tinholoq sitwazzjoni wkoll (li hemm accenn ghaliha b'mod vag fir-risposta ta' l-ahwa Vella) fejn l-esekuzzjoni f'Malta ta' decizjoni tal-Qorti Europea tad-Drittijiet tal-Bniedem tista' tippregudika terzi li ma kienux parti f'dawk il-proceduri quddiem il-Qorti ta' Strasbourg, b'mod ghalhekk li dik l-esekuzzjoni tkun fiha nnifisha "unfair" ghal dawk it-terzi. Fil-kaz *de quo* din il-problema tat-terzi hi effettivament sorvolata peress li fir-risposta taghhom l-ahwa Vella jghidu car u tond *"…u l-*

*esponent* [recte: esponenti] *ma ghandu* [recte: ghandhom] *l-ebda problemi li l-Qorti kompetenti terga' tiddeciedi mill-gdid jekk kienx jezisti raguni biex il-kaz jigi ritrattat purche` li dan isir fi zminijiet ragjonevoli biex l-esponenti jkunu jistghu jiehdu dak li hu dritt taghhom."* Ghalhekk kull kaz, bil-fattispeci partikolari tieghu, irid jigi ezaminat skond dak li tkun iddecidiet il-Qorti ta' Strasbourg u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn aktar 'l fuq maghmula u, forsi, konsiderazzjonijiet ohra li din il-Qorti ma thossx li ghandha tidhol fihom ghall-finijiet limitati tal-kaz *de quo*. Din il-Qorti tista' ma tkunx taqbel mal-mod kif il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tkun waslet ghall-konkluzzjoni taghha -- u din il-Qorti tistqarr li ma taqbilx ghal kollox mar-ragunament tal-Qorti ta' Strasbourg fil-kaz *de quo* ghalkemm taqbel perfettament mal-konkluzjoni milhuqa [6] -- izda jekk dik id-decizjoni tkun tista' tigi esegwita b'mod li ma jmurx kontra l-ordinament guridiku Malti, din il-Qorti, b'applikazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Kap. 319, ghandha ssib il-mezz kif taghti rimedju effettiv lill-applikant li jkun inghata ragun minn dik il-Qorti.

5. Fid-decizjoni taghha tad-29 ta' Lulju 2004 il-Qorti Ewropea fissret li "in principle, the most appropriate form of relief would be to ensure that the applicant in granted in due course a retrial by an independent and impartial tribunal". Dan hu rimedju li din il-Qorti, cioe` il-Qorti Kostituzzjonali, hi perfettament intitolata li taghti kieku kienet hi li waslet ghall-istess decizjoni li waslet ghaliha il-Qorti ta' Strasbourg – ara ***Arcidiacono Limited v. Avukat Generali et*** (ara nota *in calce* numru 6); u fid-dawl tar-risposti kemm tal-ahwa Vella kif ukoll tal-Prim Ministru u tad-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali jidher li hu rimedju li jista' jinghata f'dan il-kaz.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti, filwaqt li tichad it-tieni talba tal-Kazin rikorrent, tilqa' l-ewwel talba ta' l-istess Kazin u konsegwentement tordna l-esekuzzjoni tad-decizjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tad-29 ta' Lulju 2004 fl-ismijiet ***San Leonardo Band Club v. Malta***; u tipprovdi ulterjorment u fl-istess hin dwar it-tielet

---

[6] Ara, a propositu, id-sentenza ta' din il-Qorti, diversament komposta, tad-29 ta' Ottubru 2004 fl-ismijiet ***Arcidiacono Limited v. Avukat Generali et***.

talba billi filwaqt li thassar u tannulla s-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tas-17 ta’ Jannar 1996 fl-ismijiet ***Dottor Carmelo, Philip, Michael u Jessie xebba ahwa Vella v. Is-Segretarju tad-Djar, illum Direttur ghall-Akomodazzjoni Socjali, u Leonard Muscat u Remig Sacco bhala President u Segretarju Rispettivament tal-Kazin tal-Banda San Leonardo ta’ Hal-Kirkop, u b’nota tat-12 ta’ Dicembru 1994 Leonard Calleja assuma l-atti minflok u fl-istess kwalita` ta’ Remig Sacco stante li dan kien irrizenja minn President*** u tqieghed lill-partijiet f’dik il-kawza fl-istess posizzjoni li kienu fiha minnufih qabel ma bdiet tinstema’ l-petizzjoni ta’ ritrattazzjoni u tordna li l-petizzjoni ta’ ritrattazzjoni tal-21 ta’ Marzu 1994 fl-ismijiet ***Dottor Carmelo, Philip, Michael u Jessie xebba ahwa Vella v. Is-Segretarju tad-Djar, illum Direttur ghall-Akomodazzjoni Socjali, u Leonard Muscat u Remig Sacco bhala President u Segretarju Rispettivament tal-Kazin tal-Banda San Leonardo ta’ Hal-Kirkop*** terga’ tinstema’ fid-19 ta’ April 2005 mit-tieni sezzjoni tal-Qorti ta’ l-Appell (b’mod li l-Imhallfin sedenti f’dik il-Qorti m’ghandhomx ikunu l-istess Imhallfin li ddecidew l-appell fit-30 ta’ Dicembru 1993 jew li ddecidew il-kawza in prim istanza).

Spejjez, jekk hemm, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------